12 ta' Novembru 2013
121/2013

# DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-2014

Ir-Regolamenti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena 2014 ġew ippublikati fuq il-website tal-Knisja f'Malta www.thechurchinmalta.org.

B'kollox ser ikun hemm total ta' 1,733 postijiet vakanti. L-applikazzjonijiet ser isiru f'diversi skejjel tal-Knisja bejn Novembru u Frar. Min ser japplika għandu jieħu miegħu d-dokumenti meħtieġa u l-applikazzjoni timtelà dakinhar stess. B'hekk l-applikanti ma jkollhomx għalfejn jinqalgħu darbtejn. Lista tad-dokumenti meħtieġa, u l-ġranet meta wieħed għandu jmur japplika u fejn, huma imniżżla fir-Regolamenti. Dawk li ser japplikaw bħala 'każijiet umanitarji gravi' għandhom isegwu l-istruzzjonijiet imniżżla fir-Regolamenti tal-każijiet umanitarji gravi.

Il-proċess tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja f'Malta jiddetermina d-dħul fl-ewwel u t-tieni sena kindergarten, fl-ewwel sena primarja u fl-ewwel sena sekondarja. Għal din is-sena biss ser isir ukoll dħul ta' subien fit-tielet sena u s-sitt sena primarja.

In-numru ta' postijiet vakanti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja fis-sena skolastika 2014-2015 huwa kif ġej:

| Sena | Postijiet Vakanti Subien | Postijiet Vakanti Bniet |
|---|---|---|
| L-ewwel sena kindergarten | 98 | 115 |
| It-tieni sena kindergarten | 107 | 280 |
| L-ewwel sena primarja | 439 | 249 |
| It-tielet sena primarja | 75 | - |
| Is-sitt sena primarja | 75 | - |
| L-ewwel sena sekondarja | 259 | 36 |
| **TOTAL** | 1053 | 680 |

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
P.O. Box 29
Valletta, VLT 1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org

Mit-total ta' 1,733, xi postijiet ser jingħataw lil tfal ikkunsidrati bħala każijiet umanitarji gravi li għalihom hemm regolamenti speċifiċi. Il-każijiet umanitarji gravi jagħmlu applikazzjoni aktar dettaljata u jsegwu proċess paralleli għall-applikazzjonijiet l-oħra. L-applikazzjonijiet għall-każijiet umanitarji gravi ser jibdew f'Novembru u jkomplu f'Jannar. Aktar dettalji tar-regolamenti tal-każijiet umanitarji gravi jinsabu fuq il-websajt tal-Kurja.

Proċeduri dwar il-ksur ta' dawn ir-Regolamenti qed jiġu ppublikati fuq www.maltadiocese.org. Ksur ta' dawn ir-Regolamenti jista' jwassal għall-esklużjoni mill-iskola tat-tfal involuti.

L-applikazzjonijiet skont l-ewwel kriterju, tfal minn djar tal-Knisja, aħwa, impjegati, transfers, u skola bla kontinwità ser isiru fil-25, 26 u 27 ta' Novembru f'St Elias Santa Venera, St Joseph Paola, St Michael's Santa Venera u s-Seminarju r-Rabat.

Fir-rigward ta' każijiet umanitarji gravi ta' tfal minn djar tal-Knisja, aħwa, impjegati, transfers, u skola bla kontinwità, wieħed għandu jċempel għal appuntament fit-18, 19, u 20 ta' Novembru lis-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija fuq 27 790077.

Fir-rigward ta' każijiet umanitarji gravi ta' applikanti oħra, wieħed għandu jċempel lis-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija fuq 27 790077 fis-27, 28, 29 u 30 ta' Jannar.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għad-dħul fl-ewwel sena kindergarten ser isiru fis-17, 18 u 24 ta' Frar fis-Seminarju r-Rabat, St Angela Msida u Żabbar, St Francis Msida, u Theresa Nuzzo Żejtun.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għad-dħul fit-tieni sena kindergarten ser isiru fit-3, 4 u 11 ta' Frar f'St Angela Msida u Żabbar, St Francis Msida, St Joseph Blata l-Bajda, u St Aloysius College Primary Balzan.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għad-dħul fl-ewwel sena primarja ser isiru fis-27, 28 ta' Jannar u t-Tnejn 3 ta' Frar fid-De La Salle College il-Birgu, is-Seminarju r-Rabat, il-Kulleġġ Missjunarju San Pawl ir-Rabat, St Albert Valletta, u St Aloysius College B'Kara.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għad-dħul fit-tielet sena primarja ser isiru fis-27, 28 ta' Jannar u t-3 ta' Frar f'St Augustine College Pieta`.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għad-dħul fis-sitt sena primarja ser isiru fl-20, 21 u 27 ta' Jannar f'St Augustine College Pieta`.

L-applikazzjonijiet skont it-tielet kriterju applikanti oħra, għad-dħul fl-ewwel sena sekondarja ser isiru fl-20, 21 u 27 ta' Jannar fid-De la Salle College il-Birgu, il-Kulleġġ Missjunarju San Pawl ir-Rabat, St Albert Valletta, St Elias Santa Venera, u St Michael Santa Venera.

Aktar dettalji jinkisbu mir-Regolamenti li jinsabu fuq il-websajt tal-Kurja fil-paġna: http://www.maltadiocese.org/posts/detail/church-schools

L-applikazzjonijiet għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja fis-sena skolastika li jmiss ser isiru kif ġej:

| Applikazzjonijiet Skont il-Kriterju | Data | Post |
|---|---|---|
| **Tfal minn Djar tal-Knisja, Aħwa, Impjegati, Transfers, Skola bla Kontinwità** | 25, 26 u 27 ta' Novembru | Is-Seminarju Rabat<br>St Elias Santa Venera<br>St Joseph Paola<br>St Michael's Santa Venera |
| **Każijiet Umanitarji Gravi:**<br>Tfal minn Djar tal-Knisja, Aħwa, Impjegati, Transfers, Skola bla Kontinwità | Iċemplu għal appuntament fit-<br>18, 19 u 20 ta' Novembru | Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija – 277 900 77 |
| **Każijiet Umanitarji Gravi:**<br>Applikanti Oħra | Iċemplu għal appuntament fis-<br>27, 28, 29 u 30 ta' Jannar | Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija – 277 900 77 |
| **Applikanti Oħra**<br>**Kinder 1**<br>Twieldu fis-sena 2011 | 17, 18 u 24 ta' Frar | Is-Seminarju Rabat<br>St Angela, Msida u Żabbar<br>St Francis Msida<br>Theresa Nuzzo Żejtun |
| **Applikanti Oħra**<br>**Kinder 2**<br>Twieldu fis-sena 2010 | 3, 4 u 11 ta' Frar | St Angela, Msida u Żabbar<br>St Francis Msida<br>St Joseph Blata l-Bajda<br>St Aloysius College Primary Balzan |
| **Applikanti Oħra**<br>**Year 1**<br>Twieldu fis-sena 2009 | 27 u 28 ta' Jannar,<br>u 3 ta' Frar | De La Salle Birgu<br>Is-Seminarju Rabat<br>Kulleġġ Missjunarju San Pawl Rabat<br>St Albert Valletta<br>St Aloysius B'Kara |
| **Applikanti Oħra**<br>**Year 3**<br>Twieldu fis-sena 2007 | 27 u 28 ta' Jannar,<br>u 3 ta' Frar | St Augustine Pieta` |
| **Applikanti Oħra**<br>**Year 6**<br>Twieldu fis-sena 2004 | 20, 21 u 27 ta' Jannar | St Augustine Pieta` |

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
P.O. Box 29
Valletta, VLT 1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org

| | | |
|---|---|---|
| **Applikanti Oħra**<br>**Form 1**<br>Twieldu fis-sena 2003 | 20, 21 u 27 ta' Jannar | De la Salle College Birgu<br>Kulleġġ Missjunarju San Pawl Rabat<br>St Albert Valletta<br>St Elias Santa Venera<br>St Michael's Santa Venera |

Aktar dettalji jinkisbu mir-Regolamenti li jinsabu fuq il-websajt tal-Kurja fil-paġna*:*
http://www.maltadiocese.org/posts/detail/church-schools